**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 13 ta' Frar 2025**

Rikors Numru: 592/2024 AL

A B

U

C D

(M.R. Numru 2556/2018)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tal-partijiet tal-partijiet li permezz tieghu esponew:

Ili huwa zzewweg lill-intimata fit-tlieta (3) ta' Awissu tas-sena elfejn u tmintax (2018) -(Certifikat taz-zwieg anness u markat bhala **Dok 'A'**).

Illi l-partijiet xoljew u illikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom u resqu ghas-separazzjoni personali taghhom permezz ta' kuntratt ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor Sean Critien fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu tas-sena elfejn tlieta u ghoxrin (2023) (kopja annessa u markata bhala **Dok 'B'**).

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifel, J B, li twieled fis-sitta (6) ta Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019).

Illi l-manteniment ghall-minuri dejjem thallas u ma hem l-ebda arretrati ta' manteniment.

Illi l-partijiet ilhom jghixu separatament minn xulxin u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi ghalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.

Ghaldaqstant ir-rikorrent A B jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara li z-zwieg tieghu mal-intimata C D bhala mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u sabiex tordna ghaldaqstant lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku skont il-ligi, u dan kollu taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti dina l-Onorabbli Qorti.

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz taghha tesponi:

1. Illi l-esponenti tikkonferma illi hi u r-rikorrenti zzewgu fit-3 ta' Awwissu 2018 u miz-zwieg taghhom kellhom tifel jismu J li twieled fis-6 ta'Mejju 2019;

2. Illi huwa minnu li l-esponenti u r-rikorrenti ilhom separati legalment sa mill-24 ta' Marzu 2023 u dan permezz tal-kuntratt ta'separazzjoni fl-atti tan-Nutar Sean Critien kif ddikjara ir-rikorrenti fir-rikors promottur tieghu.

3. Illi l-esponenti tista tikkonferma li minkejja li s-separazzjoni taghhom ilha biss ftit anqas minn sentejn ma hemm ebda prospett f'kwalunkwe cirkustanza li jkun hemm rikonciljazzjoni bejn il-partijiet fil-kawza odjerna u dan stante li iz-zewg nahat qabdu triq differenti u hajja separata tant li r-rikorrenti ghandu tifel mall-partner il-gdida tieghu.

4. Illi ai termini tal-kuntratt ta'separazzjoni hawn fuq imsemmi u mehmuz mar-rikors promottur binhom J jghix mall-esponenti u dan skond klawzola numru hamsa (5) tal-imsemmi kuntratt anke jekk iz-zewg partijiet ghandhom il-kura u kustodja kongunta bejnithom. Illi skond l-istess kuntratt f'klawzola numru 16, ir-rikorrenti huwa obbligat li jibqa

jhallas il-manteniment ghall-binhom u dan sall-eta ai termini tal-ligi li tirregola dan l-aspett;

5. Illi f'dawn l-ahhar xhur galadarba l-partijiet isseparaw minn xulxin u t-tnejn li huma ghandhom il-hajja taghhom, l-esponenti uriet ix-xewqa li J jkollu kunjoma ukoll mizjud ma dak tal-missier jigifieri minn "B" jigi "B D" u dan anke kif illum dan huwa permessibbli mill-Ligijiet ta'Pajjizna. Illi minkejja li l-esponenti ippruvat tasal fi ftehim b'mod bonarju r-rikorrenti ghadu sallum, minkejja t-tentattivi kollha taghha, baqa jwebbes rasu u jirrifjuta li dan isir u ghalhekk l-esponenti qeghda umilment tigbed l-attenzjoni ta'din 1-Ororabbli Qorti ghal din l-ghebusija tar-rikorrenti li jidher car li dan qed isir anke b'element ta'inkejja da parti tieghu.

6. Illi minghajr pregudizzju ghal dak li gie sottomess, l-esponenti ma toggezzjonax ghat-talba ghad-divorzju li qieghed jagħmel ir-rikorrenti u dan ghar-ragunijiet esposti mill-istess rikorrenti. Madanakollu l-esponenti umilment titlob lil din 1-Onorabbli Qorti li tiehu inkonsiderazzjoni ghal dak li gie espost fis-sen li J jkollu kunjoma ukoll mizjud ma dak tal-missier jigifieri minn "B" jigi "B D" u dan anke kif illum dan huwa permessibbli mill-Ligijiet ta'Pajjizna. Din it-talba qeghda ssir anke jekk ma hijiex marbuta strettament mat-talba ghad-divorzju imma sabiex ir-rikorrenti jaghraf li dak li qed jirrifuta li jaccetta huwa biss inkejja u ghandu jilqa t-talba maghmula mill-esponenti minghajr dewmien u dan halli la ser jkun hemm id-divorzju dikjarat dan jkun sar minghajr ebda pendenza u jigu evitati aktar taqtiegh tal-qalb ghall-esponenti u jigu evitati spejjes u proceduri inutili fi proceduri habba l-kunjom ta J.

7. Bl-ispejjes kontra l-istess rikorrenti galadarba talab hu li jigi pronuncjat id-divorzju bejn il-partjiet fil-kawza odjerna.

8. Salv ragunijiet ohra.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tas-7 ta’ Jannar 2025;

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz taghha mhijiex toggezzjona ghat-talbiet kontenuti fir-rikors promotur, izda li permezz taghha talbet lill-qorti sabiex taghti provedimenti fis-sens illi l-minuri jkollu kunjomu wkoll mizjud

ma’ dak tal-missier. Il-Qorti tirrileva li tali talba ma tistax tigi mehuda in konsiderazzjoni f’dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-24 ta’ Marzu 2023;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien għaxart ijiem minn meta s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.